MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 131/2014

Malcolm **ĊIANTAR**

vs

Christian **VASSALLO** u Untours Insurance Agency Limited (C – 5655) bħala aġent ta' Q.I.C. International LLC

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-12 ta' Frar, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek Christian Vassallo waħdu kien jaħti għall-ħabta li ġrat fi Triq Mikiel Anton Vassalli, f'San Ġwann, fil-11 ta' Novembru, 2012, bejn il-vettura reġistrata KTY-162 misjuqa mill-attur u l-vettura reġistrata JBE-879 misjuqa mill-istess

imħarrek u li jaħti wkoll għad-danni kollha mġarrba mill-attur fl-istess ħabta; (b) issib li l-kumpannija assikuratriċi mħarrka Untours Insurance Agency Limited, fil-kwalita' tagħha fuq imsemmija, imissha twieġeb solidalment mal-imħarrek Vassallo biex tagħmel tajjeb għad-danni mġarrbin mill-attur fl-imsemmi inċident u dan għall-finijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta; (ċ) tillikwida d-danni li l-attur ġarrab fl-imsemmija ħabta bi ħtija tal-imħarrek Vassallo; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsuh id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Frar, 2014, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija assikuratriċi mħarrka fis-27 ta' Marzu, 2014, li biha hija stqarret il-ħtija tal-assikurat tagħha dwar l-inċident, u żiedet tgħid li hija diġa' ħallset l-ispejjeż għall-ħsarat fil-vettura li kien qed isuq l-attur. Madankollu, dwar it-talba għad-danni pretiżi mill-attur laqgħet billi qalet li dawn ġarrabhom għaliex ried hu u bi ħtija tiegħu nnifsu għaliex ma ħax il-prekawzjonijiet meħtieġa kif titlob il-liġi (billi naqas li jilbes iċ-ċinturin tas-sikurta') waqt li kien qed isuq il-vettura tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Vassallo fit-28 ta' Marzu, 2014, li biha laqa' għall-azzjoni tal-attur billi stqarr il-ħtija tiegħu għall-ħabta li ġrat bejn iż-żewġ vetturi misjuqa mill-partijiet. Imma qal li ma kienx jaħti għad-danni li ġarrab l-attur f'saħħtu, billi qal li l-istess attur ikkontribwixxa għalihom u ġabhom b'idejh għaliex ma ħax il-prekawzjonijiet kollha meħtieġa (billi naqas li jilbes iċ-ċinturin tas-sikurta') skond il-liġi waqt li kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-8 ta' Mejju, 2014[1], li bih l-għaref difensur tal-imħarrkin iddikjara li (a) kien hemm qbil li l-attur ġarrab debilita' li ma tgħaddix u (b) li fi żmien ġimgħa kellu jressaq kopja tar-rapport imħolli lill-kumpannija assikuratriċi mħarrka mill-konsulent mediku maħtur minnha dwar il-każ tal-attur;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2014[2], li bih ħatret lill-Avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda tal-partijiet dwar id-danni reklamati mill-attur;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

---

[1] Paġ. 57 tal-proċess
[2] Paġ. 110 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Ottubru, 2014, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għall-ħlas ta' danni mġarrba f'ħabta bejn żewġ vetturi. L-attur – sewwieq ta' *taxi* – kien qed isuq il-vettura tiegħu waqt li kien xogħol u seħħet ħabta ma' vettura oħra misjuqa mill-imħarrek. L-imħarrek u l-assikurazzjoni tiegħu stqarru li l-attur ma kienx jaħti għall-ħabta u l-kumpannija assikuratriċi mħarrka ħallsitlu wkoll in-nefqa għat-tiswija tal-karozza tiegħu, imma jilqgħu għat-talba tal-attur dwar id-danni li jippretendi minħabba l-ġrieħi li ġarrab fl-istess ħabta u li huwa jgħid li ħallewlu debilita' li ma tgħaddix maż-żmien;

Illi mill-provi li joħorġu mill-atti tal-kawża u li huma rilevanti għall-kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni jirriżulta li l-attur huwa sewwieq ta' *taxi*. Il-ħabta mertu tal-każ ġrat fil-11 ta' Novembru, 2012 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, f'San Ġwann. Dak inhar tal-inċident l-attur kellu sebgħa u għoxrin (27) sena;

Illi wara li ġrat il-ħabta, għalkemm l-attur seħħlu joħroġ waħdu b'xi mod mill-karozza li kien qed isuq, ftit wara li mexa lil hinn minnha, beda jogħtor kellu joqgħod bilqiegħda fl-art. Minn hemm ittieħed l-isptar f'ambulanza u, wara li tteħdulu r-raġġi, intbagħat id-dar dakinhar stess minħabba li ma ħariġx li kellu ksur jew xi ħsara oħra li kienet tidher;

Illi minħabba li jgħid li baqa' jħoss uġigħ fin-naħa ta' isfel ta' daharu, kien għamel *MRI Scan* f'April tal-2013. F'Awwissu tal-istess sena rah speċjalista ortopediku u sab li l-attur kien ġarrab debilita' li ma tgħaddix u stmaha fil-grad ta' erbgħa fil-mija (4%)[3]. Kien mar ukoll għand speċjalista li bagħtitu għandu l-kumpannija assikuratriċi mħarrka[4] u dan kien ta lill-istess kumpannija r-rapport tiegħu f'Ottubru tal-2013[5];

Illi fis-17 ta' Settembru, 2013, l-attur bagħat jitlob lill-imħarrkin b'ittra uffiċjali biex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni minnu mġarrba;

[3] Dok "MC3", f'paġġ. 15A – 15B tal-proċess
[4] Xhieda tal-attur f'paġ. 32 tal-proċess
[5] Dok "JZ", f'paġġ. 107 – 8 tal-proċess

Illi f'Ottubru ta' dik is-sena, żar konsulent ortopediku ieħor li eżaminah u ħariġlu ċertifikat dwar l-istat ta' saħħtu dak iż-żmien[6]. Wasal ukoll biex qies il-grad ta' debilita' ta' ħamsa fil-mija (5%);

Illi minħabba li l-partijiet ma waslux fi qbil dwar l-ammont tal-kumpens, l-attur fetaħ il-kawża fi Frar tal-2014;

Illi dwar il-**likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-attur** irid jingħad li l-imħarrkin ma jikkontestawx ir-responsabbilta' tal-imħarrek Vassallo fil-ħabta li ġrat. Minkejja dan, kemm l-imħarrek Vassallo u kif ukoll il-kumpannija assikuratriċi mħarrka jqanqlu l-kwestjoni li l-attur ma jistħoqqlux kumpens għal danni minħabba li jgħidu li għal dak li ġralu kien jaħti huwa nnifsu u għalhekk ikkontribwixxa għall-ġrieħi li ġarrab;

Illi ż-żewġ imħarrkin jaraw din il-kontributorjeta' fil-fatt li meta seħħet il-ħabta l-attur ma kienx liebes iċ-ċinturin tas-sigurta', bl-implikazzjoni li kien għalhekk qiegħed jikser il-liġi;

Illi, fl-ewwel lok, il-fatt li waħda mis-sewwieqa f'ħabta bejn vetturi setgħet kienet qiegħda tikser ir-regolamenti tas-sewqan ma jwassalx b'daqshekk u tabilfors fi ħtija għal dik il-ħabta[7], għaliex dak il-fatt ma jissarrafx awtomatikament f'sejbien ta' negliġenza[8];

Illi, fit-tieni lok, il-Qorti tqis li ladarba l-imħarrkin ammettew li r-responsabbilta' tal-ħabta kienet tal-imħarrek Vassallo u li l-attur ma kienx jaħti għall-ħabta, ma jistax imbagħad jingħad li l-attur kien jaħti għall-ġrieħi li ġarrab. Il-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni tal-kontributorjeta' ma tibqax aktar kompatibbli mal-istqarrija li l-parti l-oħra ma kienet taħti xejn. Ħlief fil-każ fejn, wara l-ġrajja dannuża, l-vittma ma tiħux ħsieb tnaqqas l-entita' tad-dannu jew fejn tkompli tqagħbar lilha nnifisha, il-ġrajja dannuża tal-ħabta u l-effetti tagħha ma jistgħux jinqasmu f'episodji wieħed miftum mill-ieħor[9], b'biċċa minnha ħtija ta' parti u l-biċċa l-oħra ħtija tal-parti l-oħra. Dan jingħad ukoll minħabba r-rabta tal-kawżalita' bejn il-fatt dannuż u d-dannu li joħroġ minn dak il-fatt. Jekk għandu jkun hemm qsim ta' ħtija, dan joħroġ mill-ġrajja dannuża nnifisha u x'wassal għaliha u mhux mill-effetti ta' dik il-ġrajja;

Illi, fit-tielet lok, biex persuna tista' titqies li hija fi ħtija, jrid jintwera li kienet qiegħda tagħmel xiħaġa (jew naqset li tagħmel xiħaġa) li l-liġi ma

[6] Dok "MC2", f'paġġ. 12 – 4 tal-proċess
[7] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Scicluna et vs Victor Ċini***
[8] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon***
[9] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)

tridhiex tagħmel jew li kienet traskurata jew saħansitra negliġenti f'dak li kienet qiegħed tagħmel jew f'dak li naqset li tagħmel. Issa, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, għalkemm f'ċirkostanzi normali persuna li tkun qiegħda ssuq bla ma tkun liebsa ċ-ċinturin ta' sigurta' tista' titqies kontributriċi tal-ġrieħi li ġġarrab f'ħabta bejn vetturi u tagħti lok għal tnaqqis fil-kumpens li jistħoqqilha tiġbor mis-sewwieq l-ieħor, ma jidhirx li dan huwa l-każ fiċ-ċirkostanzi tal-attur. Huwa minnu li l-liġi trid li sewwieq jilbes iċ-ċinturin ta' sigurta' hu u jsuq[10] u li n-nuqqas ta' lbies taċ-ċinturin jikkostitwixxi reat[11], imma l-istess liġi espressament teżenta ċerti kategoriji ta' sewwieqa mill-ħtieġa li jilbsu ċ-ċinturin meta s-sewqan ikun waqt parti minn xogħolhom. Fost dawn il-kategoriji hemm is-sewwieqa tat-*taxi* meta fiha jkunu qegħdin jinġarru l-passiġġieri b'kirja[12]. Mill-provi mressqa ħareġ li dak il-ħin li seħħet il-ħabta, l-attur kien qed iġorr passiġġier minn Paceville lejn Birżebbuġia[13]. Din iċ-ċirkostanza hija mseddqa wkoll bit-tweġiba mogħtija mill-attur fil-kontro-eżami tiegħu dwar ir-raġuni għaliex xufiera ta' *taxis* ma jilbsux iċ-ċinturin huma u jġorru passiġġier[14];

Illi għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tiċħad it-**tieni eċċezzjoni** ta' kull wieħed miż-żewġ imħarrkin fil-kawża bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-Qorti tippreċiża wkoll li l-partijiet jaqblu dwar meta seħħ l-inċident. Dan qiegħed jingħad għaliex l-atti tal-kawża jsemmu li l-ħabta ġrat fil-11 ta' Novembru tal-2012. Dan itennih l-attur fl-atti tar-Rikors Maħluf, fl-ittra ġudizzjarja li ntbagħtet lill-imħarrkin qabel fetaħ il-kawża kontrihom u fix-xhieda tiegħu[15]. Min-naħa l-oħra, iż-żewġ ċertifikati mediċi *ex parte* mressqin minnu jsemmu dati differenti minn din meta jindikaw l-istorja wara l-inċident. Filwaqt li l-Qorti tagħraf li l-ħabta ġrat fis-sigħat bikrin bejn l-10 u l-11 ta' Novembru, 2012, u għalhekk jista' jkun hemm xi ftit tal-kunflitt dwar jekk kienx qaleb il-jum jew le, ma għandha l-ebda dubju li ż-żewġ ċertifikati "*ex parte*" mressqin mill-attur jirreferu għall-inċident mertu ta' dan il-każ u mhux għal xi inċident ieħor li seta' kien imdaħħal fih xi darb'oħra. Min-naħa l-oħra, lanqas l-imħarrkin ma jqanqlu l-ebda tħassib dwar ir-rilevanza tal-imsemmija żewġ ċertifikati mediċi għall-każ tallum;

Illi **għal dak li jirrigwarda l-kejl tad-dannu mġarrab**, f'din il-kawża jidher li l-kumpannija mħarrka assikuratriċi ma tikkontestax l-ammont ta'

[10] Reg. 3 tal-A.L. 200 tal-2007 (L.S. 65.12)
[11] Regg. 12(a) u 13(1) tal-A.L. 200 tal-2007
[12] Reg. 10(j) tal-A.L. 200 tal-2007
[13] Xhieda ta' Emanuel Refalo 8.5.2014, f'paġ. 56 tal-proċess
[14] Xhieda tal-attur 19.9.2014, f'paġ. 117 tal-proċess
[15] Dok "A1", f'paġ. 30 tal-proċess

ħsara li l-attur ġarrab fil-vettura misjuqa minnu minħabba fl-inċident, tant li hija tgħid li n-nefqiet li kellhom isiru ħallsitu tagħhom. L-attur innifsu ma jitlob l-ebda ħlas ta' kumpens għall-ħsarat li ġarrbet il-karozza misjuqa minnu. L-imħarrkin imma ma jaqblux mal-grad ta' debilita' li l-attur jgħid li ġarrab minħabba fl-istess inċident, għalkemm saret dikjarazzjoni waqt wieħed mis-smigħ li jaqblu li tabilħaqq għandu debilita' li ma tgħaddix. Minkejja dan, l-imħarrkin qatt ma talbu li l-Qorti tgħaddi għall-ħatra ta' espert mediku biex jistabilixxi hu kemm huwa l-grad ta' debilita' li għandu l-attur;

Illi meta l-Qorti qabblet il-grad ta' debilita' li joħroġ miż-żewġ rapporti magħmulin mill-konsulenti "*ex parte*" mqabbda mill-attur (4% u 5% rispettivament) u dak li jirriżulta mill-konsulent mediku mqabbad mill-kumpannija assikruratriċi (4%) wieħed ma jdumx ma jislet il-fehma li qajla kien hemm għalfejn li l-Qorti toqgħod tqabbad espert mediku b'nefqa bla bżonn għall-partijiet. It-tliet eżamijiet li fuqhom inħarġu t-tliet rapporti mediċi saru f'medda qasira ta' żmien minn xulxin u kollha jirrigwardaw aspett partikolari identiku dwar saħħet l-attur u lkoll kemm huma jqarrbu l-fehmiet ta' min għamilhom mal-fehmiet ta' xulxin;

Illi f'din il-kawża, l-attur jippretendi kemm kumpens dwar ħlas li diġa' wettaq minħabba l-inċident ("*damnum emergens*") u kif ukoll kumpens dwar il-ħsara għall-ġejjieni ("*lucrum cessans*"). Irid jingħad ukoll li, matul is-smigħ tal-kawża, l-imħarrek ressaq provi dokumentali f'nota biex ifisser x'kienu n-nefqiet li kellu jagħmel bħala effett dirett tal-korriment tiegħu minħabba l-inċident;

Illi l-liġi trid li kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha[16], u jitqies hekk kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[17]. Għalhekk, kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor[18]. Il-ħsara li persuna negliġenti trid twieġeb għaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-egħmil, (b) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha, (ċ) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali u (d) jekk ikun il-każ, fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba debilita' dejjiema kawżata minn dak l-egħmil[19];

---

[16] Art. 1031 tal-Kap 16
[17] Art. 1032(2) tal-Kap 16
[18] Art. 1033 tal-Kap 16
[19] Art 1045(1) tal-Kap 16

Illi **dwar l-ammont ta’ *damnum emergens***, l-attur isemmi nefqiet marbuta maż-żjajjar mediċi, xiri ta’ mediċini u nefqiet marbuta mal-ksib tar-rapport tal-Pulizija dwar il-ħabta. Dawn in-nefqiet jitilgħu għal ħames mija u disgħa u erbgħin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€ 549.45). Dawn in-nefqiet huma dokumentati lkoll[20] u minħabba li l-attur ressaqhom mal-affidavit tiegħu jinsabu debitament maħlufa. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin ma qanqlu l-ebda kontestazzjoni u la dwar is-siwi tad-dokumenti u lanqas dwar l-ammont tagħhom ilkoll. Minbarra dan, l-attur xehed li, minħabba l-uġigħ persistenti li kellu ftit żmien wara l-ħabta, għamel qrib sebgħa u għoxrin (27) ġimgħa ma jersaqx għax-xogħol. F’dan ir-rigward, l-attur ressaq sensiela ta’ ċertifikati mediċi għall-finijiet tal-Att dwar is-Sigurta’ Soċjali li bihom wera li tabilħaqq kien qiegħed jitlob għall-ħlas tal-Benefiċċju għall-Mard taħt l-imsemmi Att[21]. Huwa qies id-dħul medju tiegħu fil-ġimgħa matul dak iż-żmien fis-somma ta’ mitejn u sitt euro (€206) kull ġimgħa wara l-qtugħ tat-taxxa u kontribuzzjoni ta’ Sigurta’ Soċjali (jiġifieri dħul nett). Din is-somma silitha mid-dikjarazzjoni magħmula minnu għall-finijiet tat-Taxxa dwar id-Dħul għas-sena stima 2013[22] u dik għas-sena stima 2014[23]. Meta wieħed iqabbel dawn id-dikjarazzjonijiet, wieħed isib li l-medja pretiża mill-attur mhijiex barra mil-limiti u, ladarba lanqas l-imħarrkin ma ikkontestaw dik il-pretensjoni, il-Qorti qiegħda taċċettahom u tillikwida t-telf ta’ dħul għaż-żmien li l-attur ma setax jaħdem fis-somma ta’ ħamest elef ħames mija u tnejn u sittin euro (€5,562);

Illi għalhekk, bħala telf imġarrab minħabba l-inċident, l-attur seħħlu jipprova li nefaq jew ġarrab telf ta’ sitt elef mija u ħdax-il euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (€ 6,111.45) li tagħhom għandha tirċievi kumpens mingħand l-imħarrkin bħala “*damnum emergens*”;

Illi **dwar l-ammont ta’ *lucrum cessans***, jerġa’ jingħad li ma hemmx kontestazzjoni dwar jekk l-attur tabilħaqq ġarrabx debilita’ li ma tfieqx. Ir-rapporti magħmula mill-konsulenti rispettivi “*ex parte*” huma kważi fehma waħda wkoll fil-grad ta’ debilita’ u l-grad ta’ debilita’ jvarja bi ftit. Il-Qorti sejra taħdem fuq grad ta’ erbgħa fil-mija (4%). Iċ-ċertifikati kollha rabtu l-imsemmija debilita’ direttament mal-inċident bħala l-kawża tagħha. L-avukati taż-żewġ partijiet iddikjaraw li joqogħdu għal dawn il-fehmiet;

---

[20] Dokti “MC6” sa “MC11”, f’paġġ. 34 sa 41 tal-proċess
[21] Dok “Y”, f’paġġ. 60 sa 105 tal-proċess
[22] Dok “ML5”, f’paġġ. 119 sa 120A tal-proċess
[23] Dok “X”, f’paġġ. 121 – 3 tal-proċess

Illi għalhekk wieħed irid issa jasal għall-kumpens xieraq li l-attriċi għandha tingħata, meħudin b'qies iċ-ċirkostanzi kollha li ssemmew aktar qabel. B'mod partikolari, l-Qorti trid tqis li l-attur jaqla' l-għixien tiegħu mix-xogħol bħala xufier ta' *taxi* u li huwa kien għad għandu 27 sena meta ġara l-każ;

Illi l-punt li l-aktar li jidher li fired lill-partijiet huwa dak tal-konsiderazzjoni tal-kejl tal-*multiplier* li għandu jintuża biex jitqies l-ammont tal-kumpens mistħoqq. Il-Qorti tqis li fuq l-iskorta ta' sentenzi mogħtijin fl-aħħar żminijiet, u sejra tadotta *multiplier* ta' tnejn u tletin (32) sena;

Illi, għar-rigward tat-tnaqqis li jsir mis-somma li tiġi hekk likwidata, l-partijiet ħallew f'idejn il-Qorti. Irid jingħad li l-inċident ġara anqas minn tliet (3) snin ilu u l-kawża nfetħet ftit aktar minn sena qabel ma qiegħda tingħata din is-sentenza. Dwar dan il-punt, il-Qorti tosserva li l-attur ma qagħadx jitnikker biex ifittex il-jeddijiet tiegħu u jidher li kien saħansitra ressaq il-pretensjonijiet tiegħu kontra l-imħarrkin b'att ġudizzjarju sa minn qabel ma kellu f'idejh l-aħħar ċertifikat mediku dwar saħħtu. L-imħarrkin, min-naħa tagħhom, stqarrew ir-responsabbilta' tagħhom mal-bidu nett tal-kawża. Għalhekk, il-Qorti sejra tqis tnaqqis minħabba l-*lump sum payment,* u li f'dan il-każ sejjer ikun ta' ħmistax fil-mija (15%) minħabba li s-somma li sejra tkun likwidata favur l-attur sejra titħallas f'daqqa;

Illi ntwera li l-attur jaħdem għal rasu u l-provi waħdanin li ressaq dwar id-dħul tiegħu saru wara li seħħet il-ħabta. Id-dħul tiegħu jaf jilgħab skond bosta ċirkostanzi, għalkemm ix-xejra hi li l-għamla ta' xogħol tiegħu qajla tispiċċa l-ħtieġa tagħha. Il-Qorti tqis li, jekk wieħed kellu jikkunsidra ż-żidiet fid-dħul tal-attur mit-tariffi stabiliti minn żmien għal żmien u fuq il-kejl minnu stess dikjarat taż-żieda fid-dħul nett bejn sena u oħra, il-Qorti taħseb li jkun xieraq li timxi ma' medja ta' mitejn u erbgħa u erbgħin euro (€244) kull ġimgħa bħala dħul mix-xogħol tal-attur għall-finijiet ta' kalkolu bażi ta' kumpens;

Illi, meħudin dawn il-kriterji kollha b'qies, il-Qorti qiegħda tillikwida bħala l-*lucrum cessans* li l-attur jistħoqqlu jirċievi fis-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u ħames euro (€ 13,805)[24];

Illi dan ifisser li d-danni likwidati li l-attur jistħoqqlu jirċievi kemm bħala ħsara diġa' mġarrba u kif ukoll bħala telf ta' qligħ għal quddiem jitilgħu għal dsatax-il elf disa' mija u sittax-il euro (€ 19,916.)[25];

---

[24] [€ 244 x 52 x 32 x 0.04 = € 16,240.64] – [(0.15 x € 16,240.64) = € 2,436.10] = € 13,804.54
[25] €6,111.45 + €13,804.54

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi**, fuq ammissjoni tal-imħarrkin, u ssib li l-imħarrek Christian Vassallo kien jaħti għall-inċident li seħħ fil-11 ta' Novembru, 2012, għall-ħabta tas-1.00 ta' filgħodu fi Triq Mikiel Anton Vassalli, f'San Ġwann, meta l-imsemmi Christian Vassallo, hu u jsuq il-karozza tal-għamla *Volkswagen Golft* reġistrata JBE879, ħabtet mal-karozza (*taxi*) tal-għamla *Mercedes Benz E270CDi* reġistrata KTY162 misjuqa mill-attur, u għal liema ħtija għandha twieġeb ukoll il-kumpannija mħarrka assikuratriċi tal-imħarrek Vassallo;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** ta' kull wieħed u waħda miż-żewġ imħarrkin għaliex mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u billi l-attur ma jaħti bl-ebda mod għad-debilita' li ġarrab fl-imsemmija ħabta;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-attur minħabba l-imsemmi inċident fis-somma ta' dsatax-il elf disa' mija u sittax-il euro (€ 19,916);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' € 19,916 bħala danni likwidati minħabba dak l-inċident, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv, u flimkien mal-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------